

32004R0667

8.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 104/110

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 667/2004  
tas-7 ta' April 2004**

**li jemenda għat-32 darba ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi spċifici indirizzati kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Osama bin Laden, man-networks ta' l-Al-Qaida u mat-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001**

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li tistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 i jimponi ċerti miżuri restrittivi spċifici indirizzati kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Osama bin Laden, man-networks ta' l-Al-Qaida u mat-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprobjixxi l-esportazzjoni ta' ċerti tipi ta' merkanzija u servizzi f'Afghanistan, li jhassah il-projbizzjoni tat-titjir u li jestendi l-ifriżar ta' fondi u risorzi finanzjari oħra fil-każ tat-Taliban ta' l-Afghanistan <sup>(1)</sup>, kif ġie l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 524/2004 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-ewwel inċiż, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-ifriżar ta' fondi u resorzi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' April 2004.

- (2) Fil-31 ta' Marzu, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti iddeċida li jemenda l-eLENKA ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom irridu jaapplikaw l-ifriżar ta' fondi u resorzi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri imwaqqfa f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatamente,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa hawnhekk emednat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni*

Christopher PATTEN

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 29.05.02, p. 9.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, 20.03.04, p. 36.

#### L-ANNESS

l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

Id-dħul “Ansar al-Islam (sive Devoti ta'l-Islam, Jund al-Islam, Suldati ta'l-Islam, Supporters ta' Islam tal-Kurdistan, Supporters ta' l-Islam fil-Kurdistan, Segwaċi ta' l-Islam fil-Kurdistan, Talibani tal-Kurdistan); lokalità: in-naħa tal-grigal ta' l-Iraq” taħt l-intestatura “Persuni, gruppi u entitajiet legali” huwa mibdul b'dan li ġej:

“Ansar al-Islam (sive (a) Devoti ta' l-Islam, (b) Jund al-Islam, (c) Suldati ta'l-Islam, (d) Supporters ta' Islam tal-Kurdistan, (e) Supporters ta' l-Islam fil-Kurdistan, (f) Segwaċi ta' l-Islam fil-Kurdistan, (g) Talibani tal-Kurdistan, (h) Suldati ta' Alla, (i) Armata Ansar al-Sunna (j) Jaish Ansar al-Sunna, (k) Ansar al-Sunna); lokalità: in-naħa tal-grigal ta' l-Iraq”.

---